MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRAZIO MERCIECA**

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 118/2002

**L-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**

**vs**

**Charles Saliba**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

"Billi fl-14 ta' Ottubru 1997 l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, gia Awtorita' ta' l-Ippjanar, harget Avviz biex Tieqaf u ta' Twettiq numru ECF/1100/97/ENMU/NENF, kopja hawn annessa u markata bhala Dok IJS1, f'isem il-konvenut.

Peress illi l-istess Awtorita' attrici, in forza tal-poteri fdati lilha permezz ta' l-Att numru I ta' l-1992, kif sussegwentement emendat permezz ta' l-Att numru XXI ta' l-2001, hadet dawk il-passi kollha necessarji biex ix-xogholijiet indikati fl-istess Avviz biex Tieqaf u ta' Twettiq,

jitwettqu, stante li l-istess konvenut ma kienx ottempera ruhu ma' dak li ntalab minnu fl-istess Avviz.

Peress illi biex taghmel dan, l-istess Awtorita' attrici dahlet fi spejjez li jammontaw ghal tmien mija hamsa u hdax il-lira Maltin u erbgha u sebghin centezmu (LM 811.74), u dan kif jidher mill-annessa *Invoice no. 1789* datata 15 ta' Jannar 2001 markata bhala Dok. IJS2.

U billi l-istess konvenut gie interpellat biex ihallas dan l-ammont izda baqa' inadempjenti.

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex ghar-ragunijiet premessi dan it-Tribunal m'ghandux:

1. Jikkundannah ihallas lill-Awtorita' attrici s-somma ta' tmien mija u hdax il-lira Maltin u erbgha u sebghin centezmu (LM 811.74) dovuti kif fuq spjegat, bl-imghaxijiet u bl-ispejjez inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali tat-28 ta' Frar 2002."

Ra r-risposta:

"Nota tal-eccezzjonijiet tal-istess Charles Saliba.

Jeccepixxi bir-rispett:

(i) Illi l-ammont mitlub mhux biss huwa esagerat ghal ahhar imma fir-realta' wara li jinstemghu l-provi jirrisulta li l-konvenut ghandu jiehu minghand l-Awtorita' tal-Ippjanar, illum il-MEPA u mhux vice versa u dana ghad-danni li kkagunawlu.

(ii) Illi prelininarjament irid jigi pruvat illi fl-ewwel lok pero' l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar hija s-successur tal-Awtorita' tal-Ippjanar ghal dak li ghandu x'jaqsam il-mertu ta' din il-kawza.

(iii) Salvi eccezzjoniet ohra."

Ra l-verbal tat-2 ta' Lulju 2003 li minnu jirrizulta li l-konvenut irtira t-tieni eccezzjoni tieghu.

Sema' l-provi u ra d-dokumenti esibiti.

Sema' t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet kontendenti;

Ikkunsidra:

Illi huwa principju legali elementari li d-danni u l-ispejjez iridu jigu mminimizzati, u dan japplika b'mod partikolari ghall-awtoritajiet pubblici. Fil-kaz prezenti, huwa minnu, u t-Tribunal japprezza, li minhabba d-diffikulta' sabiex jinstab min jaghmel ix-xoghol ta' demolizzjoni konness ma' ordni ta' twettieq dan ix-xoghol jigi oghla min-normal. Japprezza wkoll illi min jikkommetti illegalitajiet goffi bhal bini minghajr permess irid ihallas ta' ghemilu. Min-naha l-ohra, ma hemmx ghalfejn wiehed imur fl-esagerazzjonijiet kommessi mill-MEPA f'dan il-kaz: biex twaqqghet kamra ta' erba' metri b'sitt metri , u dan bil-makkinarju, ma kienx hemm ghalfejn imorru armata shiha ta' tnax-il haddiem tad-dipartiment tax-xoghlijiet . U li dawn jithallsu LM25-il ras, u cioe' ta' gurnata xoghol. L-anqas kien hemm htiega li dawn ingiebu minn Malta meta setghu facilment ingiebu minn Ghawdex stess. Dan biex it-Tribunal isemmi biss ezempju wiehed tal-esagerazzjoni fil-kontijiet.

Hames haddiema bil-LM25-il ras u migjubin minn Ghawdex fejn zgur li m'hawn l-ebda nuqqas taghhom ukoll kienu jkunu altru milli sufficjenti. Ghaldaqstant ikun ekwu li s-somma mitluba titnaqqas, ghal din ir-raguni biss, bis-somma ta' LM175 mill-ammont tal-pagi. Anke l-ewwel partita tal-invoice IJS 2 ta' LM160, li l-Awtorita' attrici ma spjegatx ghal xiex inhi, hija esagarata. Fic-cirkostanzi, arbitrio boni virii, jidher li ghandu jitnaqqqas LM275 mis-somma mitluba.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba tal-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar limitatament ghas-somma ta' LM536.74 liema somma l-konvenut qieghed jigi kkundannat ihallas bl-imghaxijiet legali mid-data tal-ittra ufficcjali tat-28 ta' Frar 2002 sad-data tal-hlas effettiv u bl-ispejjez.

Tibqa' impregudikata kwalunkwe azzjoni ghad-danni talvolta spettanti lill-konvenut, li dwarha ghamel eccezzjoni izda mhux kontro-talba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------